MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Talba Numru. 807/2005

**Atlas Insurance Limited – C 5601 kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Raymond Calleja – I.D. 242463M u l-istess Raymond Calleja f'ismu proprju**

**Vs**

**John Grima**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm485) u dan rapprezentanti danni minnhom subiti f'kollizjoni li sehhet fl-10 ta' Mejju, 2004 il-Gzira bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IOU 777 ta' Raymond Calleja u misjuqa minnu u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JJN 123 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa ma kellu l-ebda habta jew incident ma' Raymond Calleja. Illi l-konvenut ma kkawza l-ebda danni lill-atturi ghax ma kienx involut fl-incident mertu tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Calleja, Warden 99 Mario Galea, Joseph Cortis u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Renato Cefai ghall-atturi u ta' Dr Thomas Abela ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Raymond Calleja kien qed isuq vettura hamra bin-numru ta' registrazzjoni IOU 777 miexi mill-Gzira lejn Tas-Sliema. Il-konvenut kien qed isuq karozza bin-numru ta' registrazzjoni JJN 123 u kien miexi fl-istess direzzjoni.

Ftit qabel fejn sehh l-incident hemm *traffic lights* u mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta illi t-triq in kwistjoni hija *dual carriage way* u fiha zewg *lanes* li jservu ghat-traffiku sejjer lejn Tas-Sliema. Il-konvenut kien fuq il-*lane* ta' barra u Raymond Calleja, l-attur, kien qieghed fil-*lane* ta' gewwa. Jirrizulta wkoll illi waqt li huma kienu mexjin lejn Tas-Sliema, l-konvenut iddecieda li jaqsam mil-*lane* ta' barra ghal-*lane* ta' gewwa ghaliex kien hemm karozza quddiemu li waqfet u l-attur jikkontendi li fil-mument li qed jaghmel tali manuvra huwa rass il-vettura tieghu u b'rizultat ta' dan, Calleja qala' daqqa zghira fuq in-naha tal-lemin u baqa' diehel fil-karozzi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Il-konvenut jghid illi huwa lanqas biss intebah li kien hemm kollizjoni u li fil-fatt, wara li saret l-allegata habta, huwa waqaf ghax il-karozza ta' quddiemu kienet waqfet u fix-xhieda in ezami tieghu ta l-impressjoni li dan gara fil-kors normali tat-traffiku. Waqt ix-xhieda tieghu jghid li ma sema' l-ebda hoss.

It-Tribunal isibha haga stramba hafna ghall-fatt illi biex jieqaf b'mod tant normali, l-konvenut kellu jhalli bejn seba' u ghaxar metri *brakemarks*. Certament dan mhux *brakemark* normali u jindika fil-fatt atteggjament ta' xi hadd li waqaf ghall-gharrieda u possibbilment illi, kontrarjament ghal dak li afferma l-istess konvenut, ghax fil-fatt huwa verament intebah illi kien habat ma' vettura ohra. Minn ezami tar-rapport tal-Warden hemm imnizzel li l-konvenut qal li waqaf ghax sema' hoss ta' kollizjoni. Meta waqaf, Raymond Calleja gie jigri magenb il-konvenut u beda jakkuzah li kien rassu, li habat mieghu u li gieghlu jahbat ma' karozzi ohra. Huwa ma halliex lill-konvenut jitlaq 'l hemm u ftit minuti wara gie l-Warden u ghamel l-i*sketch*.

Il-konvenut beda jghid illi huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-kollizjoni ghaliex ma kellu l-ebda sinjali fuq il-karozza tieghu.

It-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi fil-fatt fin-naha tal-lemin tal-vettura ta' Calleja, s-sinjali ta' hsarat huma minimi u inoltre jirrizulta li kien hemm sinjali ta' *tyre mark* fuq il-karozza ta' l-attur.
It-Tribunal huwa sodisfatt li jirrizulta ppruvat li l-vettura tal-konvenut rasset il-vettura ta' l-attur u anki hakket maghha. Meta l-vettura tal-konvenut messet mal-vettura ta' l-attur, ma kienx hemm impatt kbir - anzi pjuttost li l-impatt kien zghir. Dan jindika wkoll illi fl-istess mument, l-attur kien qed jipprova jigbed lejn ix-xellug biex jipprova jiehu *evasive action* u gustament jevita kollizjoni akbar. Jirrizulta wkoll li Calleja anki zamm il-*brake* u ghalhekk, rinfaccjat bis-sewqan skonsiljat tal-konvenut, huwa ha l-passi kollha mistennija minn sewwieq prudenti. Billi t-triq ta' l-attur giet mehuda mill-vettura tal-konvenut li qata' bl-addocc ghal quddiemu, l-attur spicca biex habat ma' vetturi ohra pparkjati.

It-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jikkonkludi li l-kawza prossima tal-kollizjoni huwa l-mod kif il-konvenut qabad u qata' mil-*lane* ta' barra ghal-*lane* ta' gewwa minghajr m'ghamel sinjali u minghajr m'accerta ruhu li

jista’ jbiddel il-via tieghu liberament. Huwa evidenti li ghalkemm kien jaf li hemm karozza hamra max-xellug tieghu u ftit warajh, huwa ghaddas rasu u qabad u qasam.

Fil-fatt, dan m’huwiex sewqan mistenni minn sewwieq prudenti u li huwa konxju ta’ l-obbligi tieghu ta’ sewwieqa fuq it-triq. Partikolarment meta l-konvenut jaf li ghandu vettura goffa, b’hafna *horsepower*, dan ma ttihx licenzja li jsuq kif irid u bl-addocc u jippretendi li haddiehor iwarrabblu. Dan anzi jobbligah li joqghod ferm u ferm aktar attent ghall-karozzi ohra li m’humiex daqshekk b’sahhithom u veloci. Akbar m’int akbar m’hu hemmek.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn jinsabu debitament ippruvati kemm mix-xhieda u kif ukoll mid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet esklussivament b’responsabbilta’ tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm485) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------